# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 28 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 7.
Citazz. Nru. 1462/00 JRM

**RAFFAELE PORTELLI & SONS (1917) LTD.**

**vs**

**Anton GRECH**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut kien impjegat bhala *salesman* mas-socjeta' attrici, bl-inkarigu li jottjeni u jikkonkludi, ghall-beneficcju

ta' l-istess socjeta' attrici, kuntratti ta' bejgh ta' merkanzija bejn is-socjeta' attrici u l-klijenti taghha;

Illi, fil-kors ta' l-impieg tieghu, il-konvenut approprja ruha minn flejjes imhallsa lilhu minn klijenti tas-socjeta' attrici u dovuti li jintraddu lill-istsss socjeta' attrici bhala hlas tal- prezz ta' merkanzija minnha mibjugha u kkonsenjata;

Illi l-istess konvenut approprja ruhu wkoll minn oggetti appartenenti lis-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut ammetta mas-socjeta' attrici illi huwa kien approprja ruhu, illegalment u minghajr il-kunsens tas-socjeta' attrici, minn flejjes u oggetti appartenenti lill-istess socjeta' attrici u ta' valur komplessiv ta' elf, mija u tlieta u tletin lira maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm1133.92);

Illi l-istess konvenut accetta wkoll illi jiffirma kambjala (kopja annessa bhala dokument A) bhala garanzija tal-weghda tieghu li jrodd lura dawn il-flejjes u oggetti lis-socjeta' attrici;

Illi, nonostante interpellat sabiex jadempixxi dan l-obbligu, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, ghar-ragunijiet fuq spjegati u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss ghal dan l-iskop minn dina l-Onorabbli Qorti, jirrifondi ossija jirrestitwixxi lis-socjeta' attrici dawk il-flejjes u oggetti appartenenti lis-socjeta' attrici u approprjati illegalment mill-konvenut, minghajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tas-socjeta' attrici; u

2. Fin-nuqqas li jaghmel dan fiz-zmien lilu prefiss, li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tlieta u tletin lira maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm1133.92), rapprezentanti l-valur kumplessiv tal-imsemmija flejjes u oggetti hekk approprjati illegalment mill-istess konvenut;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati kawtelatorji ta' Qbid u ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-prezentata ta' l-atti odjerni, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi, ghall-finijiet tal-ewwel talba, qeghda tordna lill-imharrek li jrodd il-hwejjeg inkluzi flejjes, appartenenti lis-socjeta' attrici lill-istess socjeta' attrici fi zmien xahar kalendarju mil-lum, fin-nuqqas ta' liema radd lura, l-ammont mitlub fit-tieni talba jigi dovut minnufih.

**Moqrija.**

*28 ta' Marzu, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**28 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Marzu, 2001.**